



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15185/23

COPS 539
EUMC 471
MAMA 165
CONUN 283
CSDP/PSDC 760
CFSP/PESC 1503
RELEX 1287
CSC 520
EUNAVFOR MED 33
PSC DEC 53
JAI 1442

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-konferma
mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-
Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)
(EUNAVFOR MED IRINI/4/2023)

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU
U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...**

ta'

**dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni
tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran
(EUNAVFOR MED IRINI)
(EUNAVFOR MED IRINI/4/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

¹ ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u varat operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) għall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2021.
- (2) L-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 jipprevedi li, minkejja dak il-perjodu, l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni trid tiġi kkonfermata mill-ġdid kull erba' xhur u li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jrid itawwal l-operazzjoni sakemm l-iskjerament tal-assi marittimi tal-operazzjoni ma jipproduċix effett ta' attrazzjoni fuq il-migrazzjoni abbażi ta' evidenza sostanzjata miġbura skont il-kriterji stipulati fil-Pjan tal-Operazzjoni.
- (3) Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/653¹, li estendiet EUNAVFOR MED IRINI sal-31 ta' Marzu 2025, soġġett għall-istess proċedura ta' konferma mill-ġdid.
- (4) Il-Kmandant tal-Operazzjoni pprovda rapporti ta' kull xahar dwar il-fattur ta' attrazzjoni.
- (5) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni tiġi kkonfermata mill-ġdid għat-tnax-il subperjodu ta' erba' xhur tal-mandat tagħha u jenħtieġ li l-operazzjoni tittawwal skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/542 tas-26 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 81, 21.3.2023, p. 27).

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni ta' EUNAVFOR MED IRINI hija b'dan ikkonfermata mill-ġdid u l-operazzjoni hija mtawla għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2023 sal-31 ta' Marzu 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
